MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tat-12 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 975/2000/1

**C & F Building Contractors Ltd.**

***kontra***

**Tal-Grazzja Autocare Co. Ltd.**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-18 ta` Mejju 2000 li taqra hekk –

*Peress illi s-socjeta` attrici kienet inghatat appalt mill-konvenut biex tibnilu fabbrika kbira Hal Far.*

*Peress illi meta s-socjeta` attrici kien ghad jonqosha li tlesti l-art tal-konkos ta` gewwa u tal-bitha, il-konvenut waqqaf lis-socjeta` attrici milli tkompli x-xoghol ghax qal li sab min jaghmillu x-xoghol b`irhas, u allega li sar xi xoghol hazin.*

*Peress illi b`danakollu l-perit tal-konvenut sussegwentement informa lill-perit tal-attur li l-konvenut kien iddecieda li ma riedx li ssir il-laqgha u lanqas riedu jaghti bil-miktub x`kienu d-difetti allegati.*

*Peress illi l-prezz ta` kull ma lahaq sar kompriz tal-materjal kien jammonta ghal Lm 130,114.85 (mija u tletin elf, mija u erbatax-il lira Maltin u hamsa u tmenin centezmu). Minn dan l-ammont, il-konvenut hallas akkont Lm84,754.78 (erba` u tmenin elf seba` mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu) u fadallu jhallas is-somma ta` Lm45,360.07 (hamsa u erbghin elf u tliet mija u sittin lira u seba` centezmi).*

*Peress illi l-konvenut gie nterpellat ihallas u naqas u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.*

*Tghid is-socjeta` konvenuta ghar-ragunijiet premessi ghaliex m`ghandhiex-*

*(1) Tigi kkundannata minn din il-Qorti thallas lis-socjeta` attrici l-fuq imsemmi ammont ta` Lm45,360.07 (hamsa u erbghin elf tliet mija u sittin lira Maltin u sebgha centezmi) bilanc tal-prezz ta` xoghol u materjal li sar fil-kostruzzjoni tal-fabbrika tas-socjeta` konvenuta.*

*Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta` sekwestru numru 1476/00 u mandat ta` qbid numru 1477/00 oltre tal-ittra ufficjali tal-5 ta` Mejju 2000.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet prezentata fit-12 ta` Gunju 2000 li taqra hekk –

*1. Illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fil-ligi u l-ammont mitlub mhuwiex dovut jew mhux dovut kollu, billi s-socjeta` attrici naqset li tesegwixxi x-xogholijiet kollha nkarigata, u inoltre x-xoghol ezegwit minnha ma sarx skond l-arti u s-sengha, huwa ta` kwalita` inferjuri b`diversi difetti, tant li s-socjeta` konvenuta kellha tinkariga kuntrattur iehor biex jirrimedja d-difetti u jesegwixxi x-xoghol li ma sarx.*

*2. Inoltre barra tnaqqis minhabba xoghol hazin, u xoghol nieqes, mill-ammont talvolta dovut ghandha titnaqqas il-penali miftehma minhabba dewmien fix-xoghol.*

*3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.*

Il-kumpannija konvenuta pprezentat kontrotalba li taqra hekk –

*Peress illi s-socjeta` konvenuta tat appalt lis-socjeta` attrici ghall-bini ta` fabbrika f`Hal Far, liema xoghol kellu jitlesta tat-tletin (30) ta` Gunju 1999 taht penali ta` sebghin lira (Lm70) kuljum.*

*Peress illi s-socjeta` attrici waqfet mix-xoghol fis-sbatax (17) ta`Settembru 1999, u f`kull kaz naqset li tesegwixxi x-xoghol kollu miftiehem.*

*Peress illi inoltre x-xoghol esegwit mis-socjeta` attrici ma sarx skond l-arti u s-sengha, huwa ta` kwalita` inferjuri, u fih diversi difetti.*

*Peress illi s-socjeta` konvenuta kellha tinkariga kuntrattur iehor biex jaghmel ix-xoghol nieqes, u jirranga d-difetti, ghalkemm mhux id-difetti kollha setghu jigu rimedjati.*

*Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara u tiddeciedi illi x-xoghol tal-appalt tal-fabbrika msemmija ma sarx skond l-arti u s-sengha u fih diversi difetti u xoghol nieqes.*

*2. Konsegwentement tiddikjara lill-istess socjeta` attrici responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta konsistenti fil-valur inqas ta` xoghol inferjuri u l-ispejjez biex jigu rimedjati d-difetti u jsiru x-xogholijiet li thallew nieqsa.*

*3. Tillikwida l-ammont li ghandu jitnaqqas mill-prezz ta` l-appalt biex jaghmel tajjeb ghax-xoghol inferjuri, li ma sarx skond l-arti u s-sengha, u biex jigu rimedjati d-difetti u esegwiti x-xogholijiet li baqghu ma sarux.*

*4. Tiddikjara illi s-socjeta` attrici naqset li tlesti x-xoghol fit-terminu miftiehem u ghalhekk hija responsabbli ghall-hlas tal-penali skond il-kuntratt ta` l-appalt.*

*5. Konsegwentement tillikwida l-penali dovuta mis-socjeta` attrici tad-dewmien skond l-istess ftehim ta` appalt kif fuq inghad.*

*6. Tikkundanna lill-istess socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta s-sommom hekk likwidati kif fuq inghad.*

*Bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni mahlufa tal-kumpannija konvenuta u l-lista tax-xhieda ndikati minnha.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-kumpannija attrici ghall-kontrotalba li kienet prezentata fis-7 ta` Lulju 2000 li taqra hekk –

*Illi preliminarjament il-kontrotalba hija nulla billi ma tikkonformax mar-rekwiziti tal-ligi ghax ma saret l-ebda dikjarazzjoni mahlufa tal-fatti.*

*Illi d-domandi fil-kontrotalba huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li x-xoghol sar kollu skond is-sengha u l-arti u l-ebda penali ma hi dovuta ghal dewmien, li jekk kien hemm, kien tort tal-konvenut u ma kien hemm ebda obbligazzjoni legali u vinkolanti fuq penali.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-kumpannija attrici u l-lista ta` persuni li kienu ndikati bhala xhieda ghall-fini tad-difiza ghall-kontrotalba.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti diversament presjeduta moghti fl-udjenza tat-18 ta` Ottubru 2000 (fol 19) fejn

hatret lill-Perit David Pace bhala perit tekniku sabiex ifittex u jirrelata dwar it-talba tal-atturi wara li jiehu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta.

Rat l-atti tal-kawza mnejn jirrizulta li l-partijiet ressqu l-provi kollha taghhom quddiem il-perit tekniku li anke acceda fuq il-post.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-28 ta` Mejju 2009 quddiem din il-Qorti kif presjeduta (fol 73) fejn kienet infurmata mill-perit tekniku illi l-partijiet kienu ghalqu l-provi taghhom u li kien qieghed jestendi r-relazzjoni.

Rat ir-relazzjoni peritali li kienet mahlufa quddiem din il-Qorti fl-14 ta` Ottubru 2010 (fol 80 sa fol 97).

Rat l-atti illi kienu annessi mar-relazzjoni peritali.

Rat in-nota ta` sottomissjonijiet tal-kumpannija attrici li kienet prezentata fil-5 ta` April 2011 (fol 247 sa fol 250).

Rat il-verbal tal-udjenza tas-16 ta` Settembru 2011 (fol 253 u fol 254).

Semghet is-sottomissjonijiet tad-difensur tal-kumpannija konvenuta f`din l-udjenza.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza *in difett ta` ostakolu.*

Rat l-atti tal-kawza.

Rat illi ma hemm l-ebda ostakolu sabiex taghti s-sentenza llum.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>L-eccezzjoni preliminari ghall-kontrotalba</u>**

Ghall-kontrotalba, il-kumpannija attrici ressqet eccezzjoni preliminari li <u>testwalment</u> taqra hekk -

*Illi preliminarjament il-**<u>kontrotalba</u>** hija nulla billi ma tikkonformax mar-rekwiziti tal-ligi ghax ma saret l-ebda dikjarazzjoni mahlufa tal-fatti.*

(sottolinear u enfasi ta` din il-Qorti).

Mit-test tal-eccezzjoni, huwa evidenti li dak li trid il-kumpannija attrici mill-Qorti hija dikjarazzjoni tan-nullita` tal-**<u>kontrotalba</u>**.

Ma jirrizultax illi waqt l-iter tal-kawza l-kumpannija attrici talbet li tressaq xi eccezzjoni ulterjuri.

A fol 11 tal-process, jirrizulta illi l-kumpannija konvenuta ressqet dikjarazzjoni guramentata u lista tax-xhieda. Abbazi ta` dak li kien mistqarr bil-gurament, huwa car illi l-kontenut qieghed jirreferi ghall-kontrotalba. Infatti d-dikjarazzjoni tirrispekkja l-premessi tal-kontrotalba.

Mela mhijiex fondata l-eccezzjoni preliminari **<u>kif dedotta</u>**.

**<u>Ghalhekk qeghda tkun michuda</u>**.

**Ikkunsidrat :**

## III. Sintesi tal-provi u kostatazzjonijiet teknici

Fil-kwistjoni mertu tal-kawza tal-lum, il-kumpannija attrici (minn issa `l quddiem sejra tibda tissejjah “C & F”) kienet l-appaltatur filwaqt li l-kumpannija konvenuta (minn issa `l quddiem se tibda tissejjah “Tal-Grazzja”) kienet l-appaltant. L-appalt kien jikkonsisti fil-bini ta` fabbrika go Hal-Far. Il-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta` appalt huma riflessi fid-DOK A1. Il-perit responsabbli kien il-Perit Dieter Falzon.

Lejn tmiem l-appalt, inqalghu kwistjonijiet bejn il-partijiet. Il-konsegwenza kienet illi x-xoghol ta` C &F waqaf fis-17 ta` Settembru 1999. C & F tallega illi Tal-Grazzja waqqfitha milli tkompli tahdem meta kien jonqos biss li tinghata l-art tal-konkos ta` gewwa u tal-bitha. Waqt li Tal-Grazzja tallega mhux biss illi C & F ghamlet xoghol hazin izda waqfet u ma komplietx bl-appalt.

Il-pretensjoni ta` C & F tirrizulta kjarament mill-premessi u mit-talba taghha kif dedotti fic-citazzjoni. U daqstant iehor jirrizultaw cari minn naha wahda fin-nota tal-eccezzjonijiet id-difiza ta` Tal-Grazzja kontra t-talba attrici u min-naha l-ohra fil-kontrotalba l-pretensjonijiet taghha kontra C & F.

Il-Perit Dieter Falzon hejja rapport li huwa esebit bhala DOK DF10.

Dwar il-kwalita` tax-xoghol, il-problemi ewlenin u kontroversi kienu identifikati mill-Perit Dieter Falzon bhala dawn –

a) Difett estetiku fit-travi tas-saqaf billi ma kienux dritti.

b) Xquq f`uhud mill-planki tal-istess saqaf.

c) Difetti fil-kontrabejt ghax ma kienx hemm *expansion joints* u ghax it-tahlita tal-konkos kienet ta` kwalita` inferjuri.

Kienu ndikati difetti ohra fosthom –

d) Kwalita` inferjuri fit-tqeghid tal-gebel tal-hitan tal-faccati u tal-*boundary wall*.

e) Differenza fil-qisien tat-turgien principali.

f) Materjal u *debris* li thalla fuq il-lant meta waqaf ix-xoghol ta` C & F.

g) Injam li ntuza ghall-armar fit-travi u s-saqaf.

h) Konkos li nqala` meta nqala` l-injam tal-armar minn mat-travi u s-saqaf.

i) Difetti fil-*membrane* ta` madwar il-kolonni.

j) Trangar ta` xoghol fil-*pit* tal-*mechanic.*

Skond ir-rapport tal-Perit Falzon, whud minn dawn id-difetti kienu rimedjati mill-kuntrattur li kompla x-xoghol minflok C & F. Ix-xoghol kien jinkludi –

1) Il-kisi mill-gdid tax-xogholijiet ta` konkos fejn inqala` mill-injam tal-armar [ara (h) *supra*].

2) Id-difetti fit-tarag [ara (e) *supra*].

3) It-tindif tal-lant [ara (f) *supra*].

4) Xoghol rimedjali fil-*membrane* ta` madwar il-kolonni [ara (i) *supra*).

5) U fil-pit tal-mechanic [ara (j) *supra*]

Dwar dan l-allegat xoghol rimedjali, il-perit tekniku jaghmel din l-osservazzjoni a fol 89 –

*Dwar dawn ix-xogholijiet l-esponent jidhirlu illi ma hemmx provi sufficjenti sabiex huwa jkun jista` jasal ghall-konkluzjoni dwarhom ghalkemm issemmew fir-rapport tal-Perit Falzon u dana hareg stima ta` kumpens li huwa ssuggerixxa illi jigu mnaqqsa mill-ammonti dovuti lis-socjeta` attrici.*

Dwar ix-xoghol l-iehor, il-perit tekniku jghid hekk –

*Pero` in kwantu ghax-xogholijiet l-ohra u cioe` l-kwalita` tat-tqeghid tal-gebla fil-faccati, il-kwalita` tax-xoghol fil-kontrabejt kif ukoll id-difett estetiku fl-istruttura tal-konkos u l-hsarat fil-planki, dawna kollha gew ikkonstatati mill-esponent waqt l-access illi zamm kif ukoll hemm xhieda dwarhom illi a bazi taghhom huwa jista` jasal ghal konkluzjoni.*

Skond il-perit tekniku, il-punt l-aktar kontrovers kien l-allegat difett fil-kontrabejt.

Il-perit tekniku jinnota bdil fil-versjoni ta` C & F. L-ewwel tghid illi Tal-Grazzja la riedet li jsiru *expansion joints* fil-kontrabejt u lanqas li ssir *membrane* fuq il-kontrabejt. In segwitu tghid illi l-*expansion joints* kellhom isiru wara li jitlesta l-kontrabejt pero` gara illi meta kien wasal iz-zmien biex isiru Tal-Grazzja waqqfithom minhabba disgwid illi nqala` bejn id-dirigenti taz-zewg kumpanniji.

B`kuntrast, il-perit tekniku josserva konsistenza fix-xiehda tas-socjeta` appaltanti fis-sens illi din baqghet issostni illi l-kontrabejt inghata minghajr *expansion joints*, b`konkos ta` kwalita` inferjuri, u b`torba li tpoggiet taht il-konkos meta ma kenitx imbattma u mxarrba kif titlob is-sengha. Dan gab mieghu l-konsegwenza illi l-konkos beda jaqsam. Skond Tal-Grazzja, ghalkemm it-tieni kuntrattur ipprova jirrimedja, billi qata` l-qsami halli jqieghed il-*filler* tal-*expansion joints*, il-kontrabejt xorta wahda baqa` difettuz tant illi beda diehel l-ilma tax-xita.

Il-perit tekniku jkompli hekk –

*Skond l-ispecifications tal-kuntratt il-kontrabejt kellu jinhadem f`kaxxi bl-expansion joints mimlijin materjal apposta u li fuqu kellu jinghata l-membrane. Infatti s-socjeta` attrici inkludietha fit-tender taghha u applikat rata ghal dawn ix-xogholijiet.*

Fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti meqjusa fil-kumpless taghhom, il-perit tekniku wasal ghall-konkluzjoni illi –

*l-konkos tal-kontrabejt ma kienx ta` l-kwalita` patwita u meqjus ukoll il-fatt illi ma kienx hemm l-expansion joints irrizulta illi l-bejt kien difettuz u beda jqattar. Fil-fatt fejn ma nghatax il-membrane fuq is-saqaf tat-tromba tat-tarag kienu jidhru tbajja fejn dahal l-ilma u cappas il-hitan interni. Dana ikkonstatah l-esponent waqt it-tieni access illi zamm.*

Il-perit tekniku kkonkluda illi rrizultat b`mod sodisfacjenti l-prova illi whud mix-xogholijiet ezegwiti minn C & F kienu skadenti fil-kwalita` u difettuzi. Fil-fatt kellhom jigu rimedjati minn terzi.

Il-perit tekniku qies ukoll il-kwistjoni tal-penali li kienet sollevata minn Tal-Grazzja fil-kontrotalba.

Skond DOK A1, l-appalt kellu jibda fis-6 ta` Frar 1999 u jintemm sat-30 ta` Gunju 1999.

Dwar il-fattur taz-zmien xehed il-Perit Johann Farrugia, perit ta` C & F. Skond dan ix-xhud, qabel tibda l-esekuzzjoni tax-xoghol, kellu jsir it-thaffir u l-iskavar. Iz-zmien tal-appalt kellu jibda jghodd mid-data li fiha kellu jitlesta l-iskavar kollu inkluz it-tqattiegh tal-bazijiet. Pero` ma kienx hemm ftehim dwar kellu jdum sejjer it-tqattiegh. Skond il-Perit Farrugia, meta ghadda z-zmien indikat fil-kuntratt, kiebet tlestiet il-parti l-kbira tal-istruttura. Kien fadal biss affarijiet zghar bhall-opramorta. Fil-fatt ighid illi kien iltaqa` mal-Perit Dieter Falzon u flimkien kienu stabbilew il-lista ta` xoghol li ma kienx ghadu tlesta u l-lista ta` xoghol difettuz li kien jehtieg li jigi rimedjat. Intant C & F lestiet ix-xoghol li ma kienx ghadu lest. U telqu minn fuq il-lant. Li kien jonqos kien illi jigu rimedjati d-difetti. In segwitu x-xhud kien infurmat illi C & F kien se jkompli x-xoghol b`kuntrattur iehor.

Il-Perit Dieter Falzon hadem il-quantum tal-penali. Skond il-kuntratt, l-appalt kellu jitlesta fit-30 ta` Gunju 1999. Fil-fatt ix-xoghol ta` C & F intemm fis-17 ta` Settembru 1999. Kien hemm ghalhekk dewmien ta` disgha u sebghin (79) jum. Minn din il-figura, huwa naqqas erbat (4) ijiem ta` maltemp. Pero` zied imbaghad iz-zmien li ha l-kuntrattur il-gdid biex lesta l-appalt kollu. Iz-zmien li ha l-kuntrattur kien ta` sitta u ghoxrin (26) jum matul ix-xahar ta` Novembru 1999 – tnejn u ghoxrin (22) jum biex saru l-*expansion joints* tas-saqaf, jumejn (2) biex sar it-tindif u jumejn (2) biex tnehha l-armar tal-injam.

Il-Perit Falzon imputa r-raguni ghala C & F ma komplietx ix-xoghol hi ghal disgwid bejn iz-zewg kumpanniji kontendenti. Skond dan il-perit, ma kenitx Tal-Grazzja li kecciet lil C & F.

Il-perit tekniku ghamel dawn il-konsiderazzjonijiet –

Dwar ir-ritard, il-perit tekniku qies bhala ragonevolment fondat illi s-17 ta` Settembru 1999 kienet l-ahhar gurnata li fiha hadmet C & F.

Ghalhekk il-perit tekniku accetta bhala pruvat il-perijodu ta` dewmien bhala ammontanti ghal hamsa u sebghin (75)-il jum u cioe` id-disgha u sebghin (79) gurnata ta` bejn it-30 ta` Gunju u s-17 ta` Settembru, mnaqqsa b`erbat (4) ijiem minhabba l-maltemp.

Dwar jekk kellux jinghadd iz-zmien li ha l-kuntrattur il-gdid biex lesta x-xoghol minflok C & F mal-hamsa u sebghin (75) jum li kienu stabbiliti bhala granet ta` dewmien imputabbli lil C & F, il-perit tekniku qal hekk –

*… illi l-perijodu ta` tnejn u ghoxrin (22) jum sabiex isiru l-expansion joints seta` jigi ridott u jhoss illi l-perijodu ta` hmistax (15) –il jum huwa aktar ragonevoli ghal dan ix-xoghol. Dwar il-jumejn (2) sabiex jitnaddaf il-lant, huwa jinnota illi d-dati li fih inhadem ix-xoghol huwa l-istess perijodu meta nhadem ix-xoghol ta` fuq il-bejt u ma jarax ghaliex ghandha tizdied maz-zmien tal-penali peress illi x-xoghol ma nhadimx b`mod kosegwenzjali izda nhadem f`daqqa illi huwa propjament il-metodu ta` kif wiehed jistenna illi jsir ix-xoghol. Ghalhekk f`dan il-kaz dawn il-jumejn (2) ma ghandhomx jizdiedu mal-penali. Dwar il-jumejn (2) ghat-tnehhija tal-armar tal-injam ma hemmx d-dati meta nhadmu u l-esponent lest jikkoncedi illi dawn jistghu jizdiedu mal-penali. Ghalhekk il-perijodu li ghandu jigi applikat mal-penali biex ikopri z-zmien ghat-tlestija mit-tieni kuntrattur ghandu jigi mmodifikat ghal sbatax (17)-il jum.*

Ghalhekk skond il-perit tekniku, il-perijodu totali ta` dewmien effettiv kien ta` tnejn u disghin (92) jum (75 +17).

Il-perit tekniku ghadda mbaghad ghall-konteggi.

Dwar il-penali pagabbli minn C & F a favur ta` Tal-Grazzja, il-perit tekniku wasal ghall-figura totali ta` Lm6,440 (Lm70 x 92) ekwivalenti ghal €15,001.

Dwar l-istima tax-xoghol li lahaq sar minn C & F, il-perit tekniku rrileva illi ghalkemm il-pretensjoni ta` C & F kif dedotta fic-citazzjoni kienet fl-ammont ta` Lm130,114.85c., il-kontijiet illi hareg il-Perit Dieter Falzon kienu ghall-figura ta` Lm126,144.50c. Skond il-ftehim bejn il-partijiet, il-kejl kellu jsir mill-Perit Falzon. Ghalhekk il-perit tekniku qaghad fuq is-somma ta` Lm126,144.50c bhala valur tax-xoghol.

Billi sab illi kien hemm xoghol li ma kienx esegwit kif kien miftiehem u lanqas skond is-sengha, il-perit tekniku kien tal-fehma illi *ghandu jigi mnaqqas persentagg fuq il-valur tax-xogholijiet ta` hmistax fil-mija (15%) sabiex jaghmel tajjeb ghal dawna n-nuqqasijiet.*

Ghalhekk il-prezz tal-appalt kien ridotta ghal Lm107,222.82c (Lm126,144.50c – 15% ta` Lm126,144.50c).

Billi skattat il-klawsola tad-dewmien, l-ammont kellu jerga` jonqos ghal Lm100,782.83c (Lm108,222.82c – Lm6,440) ekwivalenti ghal €234,760.84.

Il-perit tekniku kompla hekk –

*L-esponent ghalhekk jidhirlu illi l-pagamenti akkont li saru mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghandhom jigu mnaqqsa minn dina s-somma li tirrapprezenta l-valur tax-xogholijiet u li l-bilanc rizultanti ghandu jithallas mis-*

*socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghhom. Ma giex ikkonfermat jekk is-somma ta` hlasijiet effettwati mis-socjeta` konvenuta tammontax ghal erbgha u tmenin elf u seba` mija u erbgha u hamsin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm84,754.78c) skond kif allegat mis-socjeta` attrici fid-Dokument "A" esebit a fol 5 tal-process u fuq dan il-punt jirrimetti ruhu ghall-provi ulterjurimli jistghu jingiebu quddiem dina l-Onorabbli Qorti sabiex jaghtu l-bilanc li ghandu jithallas biex il-pagamenti jigu finalizzati.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Il-piz probatorju ta` relazzjoni peritali</u>**

Fis-sentenza taghha tad-19 ta` Novembru 2001 fil-kawza **"<u>Calleja vs</u> <u>Mifsud</u>"**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk -

*Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta` fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.*

In linea ta` principju, ghalkemm qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet ta` perit tekniku kontra l-konvinzjoni taghha (*dictum expertorum numquam transit in rem judicata*), fl-istess waqt dak *ma jfissirx pero` illi qorti dan tista' taghmlu b' mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b' ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami* ("**Grima vs Mamo et noe**" **–** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998)**.**

*Jigifieri qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kienetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku.* ("**Cauchi vs Mercieca" –** Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 **; "Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja *noe* vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Il-*giudizio dell`arte espress mill-perit tekniku ma jistax u ma ghandux, aktar u aktar fejn il-parti nteressata ma tkunx ipprevaliet ruhha mill-fakolta` lilha moghtija ta' talba ghan-nomina ta` periti addizzjonali, jigi skartat facilment, ammenokke` ma jkunx jidher sodisfacentement illi l-konkluzjonijiet peritali huma, fil-kumpless kollha tac-cirkostanzi, irragonevoli*" – ("**Bugeja *et* vs Muscat et" –** Qorti tal-Appell – 23 ta` Gunju 1967).

**Ikkunsidrat :**

**V. <u>Dritt</u>**

**i) <u>Il-kuntratt ta` appalt</u>**

In-natura tal-kuntratt ta’ appalt kienet trattata fis-sentenza ta’ din il-Qorti tad-9 ta’ April 1968 fil-kawza **“Busuttil vs Fedele et”** fejn *inter alia* kienet citata s-sentenza ta’ l-Qorti tal-Kummerc li kienet inghatat fid-9 ta’ Marzu 1939 fil-kawza **“Micallef vs Mamo et noe”** (Vol.XXX.III.433).

Fis-sentenza “**Busuttil vs Fedele et**”, il-Qorti qalet hekk –

*... il-kuntratt ta’ appalt huwa kuntratt bilaterali u dejjem soggett ghal patt kommissorju tacitu. Konsegwentement meta d-difetti fl-ezekuzzjoni jkunu ppruvati, il-kriterju essenzjali tad-decizjoni tinsab fl-ezami jekk ix-xoghol ikunx affett jew le minn vizzji sostanzjali. Dawn huma dawk id-difetti, imsejhin ukoll essenzjali, li jipprivaw il-haga mill-iskop jew mill-utilita’ taghhom b’mod li ma tibqax tikkorrispondi mad-destinazzjoni proposta mill-kommittent u ndikata min-natura stess tax-xoghol waqt li l-ohrajn kollha ghandhom jigu ritenuti mhux essenzjali. Meta d-difetti jkunu essenzjali, l-kommittent ghandu d-dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-inadempjenza. Meta ghal kuntrarju d-difett ma jkunx sostanzjali, l-appaltatur ma jistax jigi ritenut inadempjenti pero` jibqa` obbligat li jirripara d-difetti jew jaccetta riduzzjoni.*

Din is-sentenza kienet segwita mid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell (Sede Kummerc) tat-22 ta’ Gunju 1994 fil-kawza **“Bonnici noe vs Sammut”.**

Din il-Qorti jidhrilha li ghandha tikkonferma, u fl-istess waqt taghmel taghha, l-principji ta` dritt li jirregolaw l-appalt, u li sintesi akkurata taghhom hija migbura fis-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza “**Darmanin vs Agius”** li kienet deciza fid-9 ta` Ottubru 2004.

Hemm inghad hekk -

*Bhala l-ewwel principju huwa dottrinalment u gurisprudenzjalment ricevut illi l-appaltatur ghandu l-obbligu li jezegwixxi x-xoghol lilu kommess fis-sens li huwa ghandu l-obbligu wkoll li jara li dan ix-xoghol ikun sejjer isir utilment u mhux b'mod li `l quddiem juri difetti.*

*L'imprenditore ha l'obbligo di eseguire bene l'opera commessagli, secondo i dettami dell'arte sua, e deve prestare almeno una capacita` ordinaria" (**Kollez Vol.XXVII pI p373**). Dan fis-sens li hu "ghandu jiggarantixxi l-bonta` tax-xoghol tieghu" (**Kollez Vol XL pI p485**).*

*It-tieni principju jghid illi "L-appaltatur li jezegwixxi hazin ix-xoghol li jifforma l-oggett ta' l-appalt huwa responsabbli ghad-dannu kollu li jigi minn dik l-ezekuzzjoni hazina" (**Kollez. Vol XXXVII pIII p883**). Ghax kif jinsab ritenut ukoll "f'kaz bhal dan hu ghandu mill-ewwel ma jaghmilx ix-xoghol, jew ikollu jirrispondi ghad-difetti li jigu `l quddiem" (**Mario Blackman -vs- Carmelo Farrugia et noe**", Appell Kummercjali, 27 ta' Marzu 1972). Dan hu hekk avvolja jkunx hemm l-approvazzjoni tax-xoghol (**Kollez. Vol XLI pI p667**) jew l-appaltatur ikun mexa skond l-ispecifications jew l-istruzzjonijiet lilu moghtija mill-kommittent.*

*E` dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli vedesse pregiudizievoli alla solidita` e contrari alle buone regole dell'arte" (**Kollez Vol. XXV pI p727**).*

Ukoll dwar il-kuntratt ta` appalt, din il-Qorti diversament presjeduta (PA/JRM) fis-sentenza taghha tal-10 ta' Novembru, 2010 fil-kawza fl-ismijiet "**<u>Mekanika Limited vs Eurobyte Limited</u>**" qalet hekk -

*…Illi meta parti tkun intrabtet li twettaq xi haga u ma ttemmhiex, il-parti l-ohra (jigifieri, l-kreditur tal-obbligazzjoni) tista' tinghata s-setgha li twettaqha hi bi*

*spejjez ta' min ikun naqasha (jigifieri, d-debitur tal-obbligazzjoni) [Art. 1127 tal-Kap 16].*

*Kreditur ta' obbligazzjoni li haddiehor ikun intrabat mieghu li jwettaq, u dan jonqos li jwettaqha, ghandu l-ghazla li jishaq mad-debitur tal- obbligazzjoni li jwettaq dak li ntrabat li jaghmel [P.A.* ***13.12.1952*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Galea vs Calleja*** *(Kollez. Vol* ***XXXVI.ii.578****)] u, f'kaz li l-adempiment ma jkunx ghadu jista' jsir aktar, li jitlob il-hlas tad-danni mgarrba minhabba dak in-nuqqas [Kumm.* ***13.2.1952*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***Petroni vs Petroni noe*** *(Kollez. Vol:* ***XXXVI.iii.629****)] liema danni jissarrfu fit-telf li l-kreditur ikun garrab u fil-qligh li jkun imtellef minhabba l-inadempiment [Art. 1135 tal-Kap 16] …*

## ii) <u>Il-klawsola penali</u>

**<u>In linea generali</u>**, il-ftehim li jistabilixxi l-hlas ta' penali ghan-nuqqas ta' twettieq f'waqtha ta' obbligazzjoni li tintrabat biha wahda mill-partijiet jiddependi fuq is-siwi tal-ftehim ewlieni. (Art 1119 (1) tal-Kap 16). Il-klawsola penali hija ghamla ta' danni pre-likwidati li biha l-kreditur tal-obbligazzjoni jehles mill-obbligu li jipprova li garrab hsara, ghaliex jistrieh biss fuq il-fatt li d-debitur tal-obbligazzjoni ma jkunx wettaq fil-hin dak li mal-parti l-ohra jkun intrabat li jaghmel. (ara : **<u>Torrente</u>** - *Manuale di Diritto Privato* par. 300 pa 490-1 u **<u>Art. 1120</u>** tal-Kap 16).

Fis-sentenza riportata fil-**<u>Vol. XLI.II.1108,</u>** kien ritenut illi '*il-klawsola penali f'kuntratt hi klawsola li biha wiehed mill-kontraenti, sabiex jassikura l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni minnu assunta, jobbliga ruhu ghal xi haga ghall-kaz li hu ma jezegwix l-obbligazzjoni li jkun assuma. Il-penali hekk kontrattata tirrapprezenta kumpens ghad-danni minhabba non-ezekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni'.*

Fis-sentenza riportata fil-**<u>Vol XLIII.I.259</u>,** kien rilevat illi *'l-htija fil-kaz ta' inadempjenza ta' obbligazzjoni hija nsita fl-inadempjenza stess, ammenokke l-parti inadempjenti ma tipprovax il-kaz fortuwitu jew il-forza magguri, jew raguni ohra ta' ezenzjoni mir-responsabilita'. U ghalhekk min jobbliga ruhu taht penali li josserva l-obbligi minnu assunti, hu obbligat li jhallas dik il-penali, jekk ma jipprovax hu illi kien hemm xi raguni li tezentah minn dik il-penali'*

**<u>Ricci</u>** fil-***Corso Teorico Pratico di Diritto Civile*** Vol. VI, p. 245 jirritjeni li klawsola penali hi intiza bhala *'un obbligazione accessoria avente il duplice scopo di assicurare l'adempimento dell'obligazione principale e di stabilire l' indennita' dovuta nel caso di non adempimento della medesima'*

Fejn il-klawsola penali tkun giet miftehma minhabba d-dewmien, l-effetti taghha ghandhom jibdew isehhu minn dakinhar li tghaddi d-data miftehma ghat-twettiq tal-obbligazzjoni, u mhux minn dakinhar li jkun sar il-ftehim li l-klawsola penali taghmel biss parti minnu. (Prim`Awla (GCD) – 16 ta` Ottubru 1998 – "**<u>Caruana et vs Camenzuli et</u>**".

Il-ligi trid li l-kreditur ta' obbligazzjoni jaghzel bejn li jitlob it-twettiq tal-obbligazzjoni jew il-hlas tal-penali (Art 1120 (2) tal-Kap 16), sakemm il-penali ma gietx miftehma ghad-dewmien biss, f'liema kaz it-talba tat-tnejn hija possibbli.(**<u>Art 1120 (3)</u>** tal-Kap 16).

Fl-**<u>Art.1122(1)</u>** tal-Kap.16, il-ligi taghti s-setgha lill-Qorti li tnaqqas jew itaffi l-penali f'zewg kazi -

(a) meta d-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u l-kreditur
ikun accetta espressament il-bicca li giet esegwita ;

(b) jekk id-debitur ikun esegwixxa parti mill-obbligazzjoni, u dik il-parti mill-esekuzzjoni tkun, fic-cirkostanzi, bic-car swiet lill-kreditur. Izda, f`dan il-kaz, ebda tnaqqis ta’ penali ma jista’ jsir, jekk id-debitur, meta ntrabat ghall-penali, ikun irrinunzja espressament ghal kull tnaqqis jew jekk il-penali tkun giet miftiehma ghad-dewmien biss.

L-applikazzjoni ta’ din id-dispozizzjoni, minkejja l-konsegwenzi iebsa taghha fil-prattika, gejja mir-rispett li jrid jinghata lill-principju li ftehim validu bejn il-partijiet ghandu s-sahha ta’ ligi bejniethom (*pacta sunt servanda*) [ara l-**Art.992 (1)** tal-Kap 16], u l-ebda Qorti m’ghandha tindahal fi ftehim bhal dan jekk ma jkunx milqut b’xi difett li ggibu ma jiswiex. Madankollu llum huwa accettat li l-applikazzjoni tar-regola skond l-**Art.1122** tal-Kap.16 trid titqies ukoll fid-dawl ta’ principju iehor tad-dritt, u cioe` illi l-kuntratti jigu esegwiti in bwona fede u jobbligaw, mhux biss ghal dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi li ggib maghhom l-obbligazzjoni, skond l-ghamla taghha, b’ekwita’, bl-uzu jew bil-ligi (ara l-**Art.993** tal-Kap 16). Ghalhekk b`applikazzjoni tal-massima *in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit,* huwa possibbli li l-effett u l-applikazzjoni litterali ta’ klawsola penali jigu *ridimensjonati* jekk jirrizulta li dawn joffendu jew jiksru s-sens prattiku u morali tal-obbligazzjoni billi jkunu jidhru sproporzjonati jew inaccettabbli skond in-normi stabbiliti tas-socjeta’ u l-logika guridika.

**Ikkunsidrat :**

## VI. Risultanzi

### i) Generali

Ghaliex tikkostitwixxi prova oggettiva, ir-relazzjoni peritali tincidi sewwa fuq il-konsiderazzjoni tat-talba u tal-kontrotalba, specjalment fil-kaz tal-lum, fejn jirrizulta bhala fatt li wara l-presentata u l-konferma tar-relazzjoni peritali, la saret talba mill-partijiet ghall-hatra ta` periti addizzjonali u lanqas saret eskussjoni tal-perit tekniku.

Ghal dawk li huma konsiderazzjonijiet **strettament teknici**, din il-Qorti sejra toqghod fuq l-accertamenti u l-konkluzjonijiet peritali wara li ezaminat b`reqqa l-provi fil-kumpless taghhom. Il-kostatazzjonijiet teknici fis-sostanza u fil-gabra taghhom mhumiex kontradetti. Inoltre l-Qorti ma tara l-ebda raguni ghala ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet teknici.

Fejn r-relazzjoni tittratta materji ta` xejra **legali** hemm il-kwistjoni ma tibqax fil-mansjoni tal-perit tekniku, izda taqa` kollha kemm hi fil-kompetenza ta` l-Qorti.

**ii) It-talba**

Il-perit tekniku stima l-valur kollu tax-xoghol li kien ezegwit minn C & F fl-ammont ta` **Lm126,144.50c**. Dik hija kostatazzjoni teknika li l-perit tekniku wasal ghaliha u accertaha anke wara li qies id-dettalji tal-kuntratt ta` appalt, wara li sema` lill-periti tal-partijiet u wara li ra x-xoghol *in loco* meta acceda fuq il-post.

Dwar il-hlasijiet akkont li saru minn Tal-Grazzja, il-perit tekniku ma kkommettiex ruhu. Ghamel biss osservazzjoni fir-relazzjoni tieghu, li din il-Qorti accennat ghaliha qabel. C & F taccetta illi hija thallset minghand Tal-Grazzja akkonti fl-ammont komplessiv ta` **Lm84,754.78c**. Din il-figura ma tirrizultax kontestata mis-socjeta` appaltanti.

Dan ifisser illi l-ammont bilancjali ghax-xoghol li kien lahaq sar mis-socjeta` appaltatrici kien ta` **Lm41,389.72c** (mhux Lm45,360.07c kif pretiz minnha fic-citazzjoni).

**Pero` in vista tal-kontrotalba, u l-konsiderazzjonijiet teknici u ta` dritt li hemm marbuta maghha, din il-Qorti sejra tippronunzja ruhha `l quddiem dwar it-talba attrici, wara li tipprovdi dwar il-kontrotalba.**

**iii) Il-kontrotalba**

**a) L-ewwel domanda**

Anke abbazi tar-relazzjoni peritali, irrizulta li l-ezekuzzjoni ta` **parti** mix-xoghol li lahaq sar minn C & F ma kienx kif titlob l-arti u s-sengha. Infatti kienet il-fehma tal-perit tekniku li l-istima tax-xoghol fl-ammont ta` Lm126,144.50c kellha tonqos bi 15% u cioe` bl-ammont ta` Lm18,921.68c sabiex jaghmel tajjeb ghal xoghol li rrizulta li ma kienx tal-livell patwit jew li ma sarx skond l-arti u s-sengha.

Meta wiehed iqis l-entita` tal-appalt, ix-xoghol li lahaq sar, u l-assjem ta` xoghol li kien accertat bhala mhux ezegwit kif titlob l-arti u s-sengha, din il-Qorti tghid illi dak tal-lum ma kienx kaz fejn id-difetti kienu essenzjali fis-sens illi kienu jipprivaw il-progett mertu tal-appalt mill-iskop jew mill-utilita' tieghu b'mod li ma baqax jikkorrispondi mad-destinazzjoni tieghu. Tant id-difetti ma kienux essenzjali f`dan is-sens illi Tal-Grazzja ma ghamlitx talba ghar-rizoluzzjoni tal-kuntratt minhabba l-allegata inadempjenza tas-socjeta` appaltatrici.

Minflok Tal-Grazzja talbet id-danni. Talbet ukoll il-hlas ta` penali ghad-dewmien.

**b) <u>It-tieni u t-tielet domandi</u>**

Il-progett mertu ta` din il-kawza ghandu jitqies minn erba` bnadi : fl-ewwel lok, fejn l-appalt twettaq kif patwit u tajjeb ; fit-tieni lok, fejn l-appalt ma twettaqx skond l-arti u s-sengha ; fit-tielet lok, l-azzjoni rimedjali ta` l-appaltatur fejn partijiet mill-appalt ma sarux sewwa ; u fir-raba` lok, fejn fl-appalt ma tlestiex skond is-sengha jew ma tlestiex kif patwit.

Jidher illi l-perit tekniku ndirizza t-tieni u t-tielet talbiet rikonvenjonali billi kkwantifika l-pretensjoni tas-socjeta` appaltanti f`riduzzjoni komplessiva ta` 15% tal-istima tax-xoghol kollu li lahaq sar minn C & F ammontanti ghal Lm18,921.68c.

Kif huwa evidenti mid-dikjarazzjoni guramentata ghall-kontrotalba tas-socjeta` appaltanti, hemm inserita fit-tieni u fit-tielet domandi l-pretensjoni taghha illi hija ghandha tithallas il-prezz li sborzat a favur ta` terzi sabiex jaghmlu x-xoghol li baqa` ma sarx mis-socjeta` appaltatrici.

Hija l-fehma ta` l-Qorti li din il-pretensjoni kif hekk avvanzata hija nkompatibbli mar-raba` u ma` l-hames domandi fejn is-socjeta` appaltanti qeghda tippretendi li ghandha tiskatta favur taghha l-penali patwita bejn il-partijiet ghad-dewmien. Ghalhekk din il-Qorti mhijiex sejra taghti konsiderazzjoni ghall-pretensjoni tas-socjeta` appaltanti kif imfissra fil-paragrafu ta` qabel, kif del resto sewwa ghamel il-perit tekniku meta stima r-riduzzjoni ta` 15%.

Li l-pretensjoni tas-socjeta` appaltanti kif dedotta fit-tieni u fit-tielet domando ghandha tirrisolvi ruhha

f`riduzzjoni hija in linea mal-gurisprudenza fuq citata (ara "**Busuttil vs Fedele et**" *op. cit.*) Ghal dak li huwa *quantum*, din il-Qorti sejra toqghod fuq l-opinjoni tal-perit tekniku.

## c) Ir-raba` u l-hames talbiet

Fil-faxxikolu DOK A1 kontenenti l-appalt, fejn kienu miftehma xi kondizzjonijiet fosthom il-penali, ma kienx esebit id-dokument ffirmat mir-rapprezentanti tal-partijiet izda biss kopja tal-istess dokument mhux iffirmat. Li kieku kien esebit id-dokument iffirmat kien ikun in linea ma` dak li trid il-ligi. Fl-istess waqt, din il-Qorti accertat illi bejn il-partijiet kien hemm qbil illi l-pattijiet ta` bejniethom, inkluza l-penali, kienu regolati bil-ftehim li tieghu kienet esebita l-kopja mhux iffirmata.

Irrizulta illi C & F ma komplietx bl-appalt sal-ahhar. Min-naha taghha, tattribwixxi dan ghall-fatt illi d-direttur tas-socjeta` appaltanti ma riedx ihallas aktar akkonti ta` flus u ma riedhomx imorru aktar fuq il-lant. Min-naha l-ohra, Tal-Grazzja ssostni illi kienet C & F li telqet.

Din il-Qorti qieset l-assjem tal-provi u fuq bilanc ta` probabilitajiet tghid illi l-verita` tinsab fil-fatt illi fil-kors tal-ezekuzzjoni tal-appalt kien hemm ilmenti gustifikati da parti ta` Tal-Grazzja fis-sens illi x-xoghol ma kienx qieghed jithaffef, kien qieghed isir minn lantijiet ta` nies differenti b`effett negattiv car fuq il-kwalita` tax-xoghol, minghajr supervizjoni adegwata ta` C & F fuq in-nies taghha, bir-rizultat illi kien qieghed ikun hemm xoghol difettuz. Il-problemi lahqu l-qofol taghhom meta ghamlet ix-xita u dahal l-ilma mis-saqaf tal-fabbrika. Parti wahhlet fl-ohra ghala dana sehh. Jibqa` l-fatt illi C & F ma kompliex bix-xoghol.

L-assjem tal-provi juri li kienet ta` C & F id-decizjoni li tieqaf mix-xoghol. L-istess Perit Johann Farrugia jaccetta illi huma waqfu milli jmorru fuq il-lant meta kien fadal biss ftit tax-xoghol xi jsir. Min-naha taghha, Tal-Grazzja, rinfaccjata kif kienet diga` bil-problemi tal-ezekuzzjoni tax-xoghol fil-hin, ma baqghetx tinsisti ma` C & F li tkompli u nkarikat lil terzi biex ikomplu x-xoghol li C & F baqghet ma tlestietx.

Din il-Qorti tghid wkoll illi mill-assjem tal-provi jirrizulta wkoll illi fid-data illi fiha C & F ma komplietx, kemm jekk ghal raguni jew kemm ghal ohra, kienet diga` marret oltre t-terminu patwit ghat-tlestija tal-appalt. Ghalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li ghandu jiskatta l-hlas tal-penali.

Il-perit tekniku kkalkola d-dewmien fl-ammont ta` tnejn u disghin (**92)** jum.

Il-**kwistjoni legali** li tinsorgi hija jekk mad-dewmien akkumulat minn C & F (75-il jum) kellux jizdied iz-zmien li ha l-kuntrattur il-gdid sabiex lesta l-appalt kollu (17-il jum).

Din il-Qorti hija tal-fehma li z-zmien effettiv huwa ta` tnejn u disghin (92) jum ghaliex fejn il-klawsola penali tkun giet miftehma minhabba d-dewmien, kif kien il-kaz tal-lum, l-effetti tal-klawsola penali jibdew jiskattaw minn dakinhar li tghaddi d-data miftehma ghat-twettiq tal-obbligazzjoni.

Issa jekk minflok l-appaltatur originali, ikun haddiehor li jtemm l-appalt, dak huwa fattur mmaterjali ghall-fini tal-penali purche` jkun accertat illi z-zmien tat-tlestija (fil-kaz ta` dan tal-ahhar) jirrizulta illi kien ragonevoli skond id-dettami tas-sengha. Limitatament ghal dan il-kuntest, l-accertamenti tal-perit tekniku huma ineccepibbli.

Ghar-rigward tal-likwidazzjoni tal-penali, din il-Qorti mhijiex tal-fehma illi ghandha tuza s-setgha li jaghtiha l-Art.1122 tal-Kap.16 u ghalhekk mhijiex sejra tordna temperament tal-penali. Ghalkemm il-paragrafu (a) tas-subinciz (1) tal-Art.1122 huwa distint mill-paragrafu (b) tal-istess subinciz tal-istess artikolu, din il-Qorti ssib illi kien korrett u fl-istess waqt prudenti l-perit tekniku fil-mod kif wasal ghall-kalkolu taz-zmien tal-penali. Din il-Qorti qieset ukoll dak li ntqal mill-kumpannija attrici fin-nota ta` osservazzjonijiet taghha. Tghid izda illi fil-kaz tal-lum ma rrizulta xejn sproporzjonat jew inaccettabbli jew kontra l-ewkita` fin-natura tal-penali li kellu jwassal lil din il-Qorti sabiex tordna temperament taghha u dan wara li tat debita konsiderazzjoni ghall-assjem ta` fatti u cirkostanzi attinenti ghall-ezekuzzjoni tal-appalt li wasslu ghal din il-kawza.

Ghalhekk din il-Qorti sejra tadotta l-penali kif stabbilita mill-perit tekniku fl-ammont ta` Lm6,440.

**d) <u>Is-sitt talba</u>**

Din il-Qorti sejra tipprovdi dwar din it-talba fid-decide.

**(iv) <u>Riassunt</u>**

Il-konsiderazzjonijiet premessi jaghtu dan ir-riassunt. Il-kumpannija attrici kellha tircievi s-somma ta` Lm41,389.72c (€96,412.11) u cioe` il-bilanc ta` bejn il-prezz tax-xoghol li lahaq sar sakemm intemm l-appalt (Lm126,144.50c ekwivalenti ghal €293,837.64) u l-hlasijiet akkont illi saru mill-kumpannija konvenuta (Lm84,754.78c ekwivalenti ghal €197,425.53).

Mill-figura ta` Lm41,389.72c (€96,412.11) trid tonqos is-somma ta` Lm18,921.68c (€44,075.66) sabiex taghmel tajjeb ghax-xoghol li ma kienx skond l-arti u s-sengha, u s-somma ta` Lm6,440 (€15,001.16) bhala penali ghad-dewmien.

B`hekk il-kumpannija attrici trid tithallas minghand il-kumpannija konvenuta s-somma ta` Lm 16,028.04c (€37,335.29) **ghas-saldu**.

**Decide**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza hekk –**

**1) Tilqa` *in parte* l-eccezzjonijiet tal-kumpannija konvenuta ghat-talba attrici.**

**2) Tichad l-eccezzjoni preliminari tal-kumpannija attrici ghall-kontrotalba.**

**3) Tilqa` *in parte* t-tieni eccezzjoni tal-kumpannija attrici ghall-kontrotalba.**

**4) Tilqa` *in parte* l-ewwel domanda tal-kontrotalba.**

**5) Tilqa` t-tieni domanda tal-kontrotalba.**

**6) Tilqa` t-tielet domanda tal-kontrotalba u tillikwida l-ammont pretiz mill-kumpannija konvenuta fl-ammont ta` erbgha u erbghin elf hamsa u sebghin Ewro sitta u sittin centezmu (€44,075.66).**

**7) Tilqa` r-raba` domanda tal-kontrotalba.**

**8) Tilqa` l-hames domanda tal-kontrotalba u tillikwida l-ammont pretiz mill-kumpannija konvenuta fl-ammont ta` hmistax-il elf u wiehed Ewro sittax-il centezmu (€15,001.16).**

**9) Tiddisponi mis-sitt domanda tal-kontrotalba billi filwaqt illi qeghda tiddikjara lill-kumpannija attrici bhala debitrici tal-kumpannija konvenuta fl-ammont ta` disgha u hamsin elf sitta u sebghin Ewro tnejn u tmenin centezmu (€59,076.82), tiddikjara illi dan l-ammont ma ghandux jithallas lill-kumpannija konvenuta bhala effett ta` kompensazzjoni ma` parti mill-bilanc tal-prezz tal-appalt mertu ta` din il-kawza li l-kumpannija attrici ghad trid tithallas minghand il-kumpannija konvenuta kif sejjer jinghad fil-provvediment li jmiss.**

**10) Tilqa` t-talba attrici limitatament u bhala effett ta` kompensazzjoni in linea ma` dak li ghadha kif ipprovdiet dwar il-kontrotalba, qeghda tikkundanna lill-kumpannija konvenuta sabiex thallas lill-kumpannija attrici ghas-saldu s-somma ta` sebgha u tletin elf tliet mija hamsa u tletin Ewro disgha u ghoxrin centezmu (€37,335.29), bilanc ta` somma akbar prezz tal-appalt mertu ta` din il-kawza, bl-imghax legali b`effett mil-lum.**

**11) Tordna li l-ispejjez kollha ta` din il-kawza ghandhom jithallsu in kwantu ghal hamsa u sittin fil-mija (65%) mill-kumpannija attrici u in kwantu ghal hamsa u tletin fil-mija (35%) mill-kumpannija konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------